

32003D0076

L 29/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

5.2.2003

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****ta' l-1 ta' Frar 2003**

**li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, anness mat-Trattat li tistabbilixxi l-Komunità, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tad-data ta' l-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u fuq il-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar.**

(2003/76/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li jkun ikkunsidra l-Protokoll, anness mat-Trattat li tistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fuq il-konsegwenzi finanzjarji tad-data ta' l-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u fuq il-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar, u partikolarment l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li jkun ikkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li jkun ikkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 97 tat-Trattat li tistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA), it-Trattat skada nhar it-23 ta' Lulju 2002.

(2) Il-Protokoll anness mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Protokoll") jittrasferixxi l-attiv u passiv tal-KEFA lill-Komunità Ewropea u jassenja l-valur nett ta' dawn l-attiv kif jidher fil-karta tal-bilanċ tal-KEFA tat-23 ta' Lulju 2002, biex issir ir-riċerka fl-oqsma li għandhom x'jaqsmu ma' l-industrija tal-faħam u l-azzar. Dan l-użu ta' l-attiv jaqbel mar-riżoluzzjoni dwar it-tkabbir u l-impieg aċċettata mill-Kunsill Ewropew waqt il-laqgħa li kellha f'Amsterdam nhar is-16 u s-17 ta' Ġunju 1997 <sup>(3)</sup>, u mar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill u r-Rappreżentattivi tal-Ġvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, ta' l-20 ta' Lulju 1998 <sup>(4)</sup> u l-21 ta' Ġunju 1999 <sup>(5)</sup>.

(3) Huwa meħtieġ li jstabbilixxi it-tqassim tar-riċerka ta' l-appropriazzjonijiet bejn iż-żewġ setturi kkonċernati.

(4) Huwa meħtieġ li jstabbilixxi ir-regoli biex jiġi implimentat il-Protokoll, u partikolarment il-proċeduri li bihom jittieħdu d-deċiżjonijiet biex jiġu adottati l-pariri finanzjarji multiannwali għall-amministrazzjoni ta' l-attiv tal-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar u l-pariri tekniċi multiannwali għall-programm tar-riċerka tal-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-programm"), billi wieħed ma jinsix li kemm-il darba mhux previst mod ieħor f'din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-amministrazzjoni ta' l-attiv skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat li tistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-leġislazzjoni sekondarja adottata fuq il-bażi tagħha.

(5) Meta t-Trattat tal-KEFA jiskadi, ċerti attivitajiet finanzjarji, li jinvolvu kemm introjtu kif ukoll neċessarju, se jkunu bid-dejn, kawża ta' l-implimentazzjoni tal-budget operattiv tal-KEFA ta' snin ta' qabel u attivitajiet ta' self ta' flus tal-KEFA.

(6) Huwa meħtieġ li tiġi nnominata l-istituzzjoni responsabbli għal-istralċ ta' dawn l-operazzjonijiet u tistabbilixxi l-proċeduri meħtieġa biex isir dan. Huwa bix-xieraq li tiġi inkarigata l-Kummissjoni mill-istralċ u li tiddeċiedi li l-proċeduri li jiġu segwiti jkunu daww li se jiġu fis-seħħ nhar it-23 ta' Lulju 2002, skond it-Trattat ta' KEFA u l-leġislazzjoni sekondarja.

(7) Waqt il-laqgħa li kellha nhar il-11 ta' Settembru 1996, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-riservi għandhom ikopru, 100 % tad-dejn mhux imħallas minn l-Istati Membri garanti, wara l-2002. Il-fondi tal-KEFA li ġew amministrati telgħu għal approssimament 1,6 biljun EURO nhar it-23 Lulju 2002. L-ammont għad irid jvarja skond l-attivitajiet finanzjarji li għad iridu jseħħu qabel u wara li jiskadi t-Trattat tal-KEFA.

<sup>(1)</sup> ĠU C 180, 26.06.01, p. 4.

<sup>(2)</sup> ĠU C 177, 25.07.02, p. 28.

<sup>(3)</sup> ĠU C 236, 02.08.97, p. 3.

<sup>(4)</sup> ĠU C 247, 07.08.98, p. 5.

<sup>(5)</sup> ĠU C 190, 07.07.99, p. 1.

(8) Billi debituri kontumaċja waqt il-perjodu ta' likwidazzjoni wara it-23 ta' Lulju 2002 u sabiex jiggarantixxu ta' kull sena stabilità fil-mezz ta' kejl tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar, kwalunkwé kontumaċja minn debitur tal-KEFA għandu l-ewwel jiġi iċċarġjat fuq il-kapital u wara fuq l-introjtu tal-fondi tar-riċerka,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni se tkun inkarigata mill-istralċ ta' attivitajiet finanzjarji tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar li jkun għandhom fis-seħħ meta jiskadi t-Trattat tal-KEFA Treaty. Billi debitur tal-KEFA kontumaċja waqt il-perjodu ta' likwidazzjoni, it-telf li jirriżulta se jkun iċċarġjat l-ewwel bih il-kapital eżistenti u wara l-introjtu tas-sena kurrenti. Il-Kummissjoni, qabel ma tikkanċella xi pretensjoni kontra debitur tal-KEFA kontumaċja, tqis ir-rimedji kollha inkluż it-talba fuq garanti (ipoteki, kawzjonijiet, garanti jew oħrajn). Il-Kummissjoni ttrisserva l-azzjonijiet kollha possibbli f'każ li d-debitur jsib soluzzjoni.

2. Il-likwidazzjoni se tkun immexxja skond ir-regoli u l-proċeduri li japplikaw għal dawn l-operazzjonijiet, filwaqt li l-istituzzjonijiet tal-Komunità jgawdu mill-poteri u prerogattivi eżistenti previsti mit-Trattat tal-KEFA u mill-leġislazzjoni sekondarja li daħlet fis-seħħ nhar it-23 ta' Lulju 2002.

#### Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni se tkun inkarigata mill-attiv b'tali b'mod li tasigura prospetti fit-tul. L-investment ta' l-attiv likwidu għandu jkun immirat għall-għola investment possibbli li huwa kompattibli mas-sigurtà.

2. Il-Kunsill, li aġixxa b'maġġoranza kwalifikata fuq il-proposta tal-Kummissjoni u wara li jkun ikkonsulta l-Parlament Ewropew, se jadotta gwidi finanzjarji multiannwali għal amministrazzjoni ta' l-attiv.

#### Artikolu 3

1. Kull sena se jinħadmu kont ta' qligħ u telf, karta ta' bilanċ, u rapport finanzjarju biex juru, separatament minn operazzjonijiet finanzjarji oħra tal-Komunitajiet li jkun fadal, l-operazzjonijiet ta' likwidazzjoni previsti fl-Artikolu 1 u l-operazzjonijiet ta' l-investment taħt l-Artikolu 2.

Dawn ir-rendikontijiet finanzjarji se jkunu annessi mar-rendikontijiet finanzjarji magħmula mill-Kummissjoni ta' kull sena taħt l-Artikolu 275 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea u r-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

2. Il-poteri tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Qorti ta' l-Awdituri li jirrigwardaw il-kontroll u l-ħlas tad-dejn kif imsemmi fit-Trattat li tistabbilixxi il-Komunità Ewropea u fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għandhom jgħoddu għal operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

#### Artikolu 4

1. Introjtu nett minn investimenti previsti taħt l-Artikolu 2 għandhom jikkostitwixxu introjtu fil-*budget* ta' l-Unjoni Ewropea. Dan l-introjtu għandu jkun assenjat għal raġuni speċifika, jiġifieri, riċerka finanzjarja proġettata fis-setturi relatati ma' l-industrija tal-faħam u l-azzar li mhux koperti mill-Programm tar-Riċerka. Dan se jiffirma l-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar u se tkun inkarigata minnu l-Kummissjoni.

2. L-introjtu msemmi fil-paragrafu 1 se jkun mqassam hekk, 27,2 % se jkun assenjat għar-riċerka li għandha x'taqsam mal-faħam u 72,8 % għar-riċerka li għandha x'taqsam ma' l-azzar. Fil-każ ta' b'żonn, il-Kunsill, waqt li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jimmodifika l-iskomposizzjoni bejn ir-riċerka relatata ma' l-faħam u r-riċerka relatata ma' l-azzar.

3. Il-proċeduri multiannwali tekniċi għall-programm se jkunu adottati mill-Kunsill li jrid jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq il-proposta mill-Kummissjoni wara li jkun ikkonsulta l-Parlament Ewropew.

4. L-introjtu mhux użat u l-appropriazzjonijiet ġejjin minn dan l-introjtu li se jkunu għad-dispożizzjoni nhar il-31 ta' Diċembru ta' liema sena tkun, għandhom jinġarru awtomatikament għas-sena ta' wara. Dawn l-appropriazzjonijiet ma jistgħux jiġu trasferiti għal items oħra tal-*budget*.

5. Appropriazzjonijiet tal-*budget* li jikkorrispondu ma' l-iskancellatura tar-rabta għandhom ikunu awtomatikament preskritti fl-aħħar ta' kull sena Finanzjarja. Id-dispożizzjonijiet maħruġa għall-pubbliku minħabba l-iskancellatura se jitniżżlu fil-karta tal-bilanċ u fil-kont ta' qligħ u telf previsti fl-Artikolu 3(1) u se jkunu prospetti għall-ewwel għall-attiv tal-KEFA f'likwidazzjoni u konsegwentement, fuq Kompetizzjoni tal-likwidazzjoni, ta' l-Attiv tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar. L-ammonti akkwistati se jkunu mniżżla fil-karta tal-bilanċ u fil-kont ta' qligħ u telf bl-istess mod.

#### Artikolu 5

1. Introjtu nett qiegħed għad-dispożizzjoni (jew disponibbli) għar-riċerka finanzjarja proġettata għas-sena n + 2 se tkun irrekordjata fil-karta tal-bilanċ tal-KEFA f'likwidazzjoni tas-sena n, u, mat-tmiem tal-likwidazzjoni, fil-karta tal-bilanċ ta' l-Attiv tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar.

2. Sabiex jonqos il-flatwazzjoni fil-fondi tar-riċerka dovut għall-movimenti finanzjarji mqiegħda fis-suq, għandu jsir livellar u jkun hemm dispożizzjonijiet ta' kontinġenza. Id-dettalji tal-kalkulazzjonijiet għal livellar li jiddeterminaw id-daqs tad-dispożizzjonijiet ta' kontinġenza jinsabu fl-Anness.

*Artikolu 6*

L-investiment amministrattiv li huwa riżultat tal-likwidazzjoni, l-investment u l-amministrazzjoni ta' l-operazzjonijiet msemmija f'din id-deċiżjoni, li jikkorrispondu ma' l-investment stabbilit fl-Artikolu 20 tat-Trattat li jstabbilixxi Kunsill wieħed u Kummissjoni waħda tat-8 t'April 1965, l-ammont li minnu ġie aġġustat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 1977, għandu jkun stabbilit mill-Kummissjoni mill-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 7*

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammont t'attiv u passiv tal-KEFA f'karta tal-bilanċ li nqalgħet nhat it-23 ta' Lulju 2002.

*Artikolu 8*

Din id-deċiżjoni tiġi fis-seħħ l-għada li tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tgħodd mill-24 ta' Lulju 2002.

*Artikolu 9*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Frar 2003.

*Fisem il-Kunsill*

*Il-President*

G. PAPANDREOU

## ANNEX

**Il-proċeduri li ġejjin jistabbilixxu l-ammont ta' introjtu nett li għandu jġi assenjat għall-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar**

## 1. INTRODUZZJONI

L-Introjtu nett li jista' jġi użat biex jifinanzja proġetti ta' riċerka li jikkorrispondu mar-riżultat nett ta' kull sena tal-KEFA f'likwidazzjoni u konsegwentement, meta l-likwidazzjoni tkun ġiet kompluta, għall-fini tar-riżultat nett ta' kull sena ta' l-Attiv tal-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar. Il-metodu użat jikkonsisti milli jġi stabbiliti il-fondi għar-riċerka tal-faħam u l-azzar għas-sena  $n + 2$  meta tiġi maħduma l-karta tal-bilanċ għas-sena  $n$ , wara li jkun ġie meqjus nofs iż-żieda jew tnaqqis fir-riżultat nett b'konnessjoni ma' l-aħħar lieva ta' fondi assenjat għar-riċerka tal-faħam u l-azzar.

## 2. DEFINIZZJONI

$n$ : is-sena ta' referenza

$R_n$ : ir-riżultat nett għas-sena  $n$

$P_n$ : id-dispożizzjonijiet ta' kontinġenza għas-sena  $n$

$D_{n+1}$ : l-allokkazzjoni għar-riċerka għas-sena  $n + 1$  (jistabbilixxu meta l-karta tal-bilanċ għas-sena  $n - 1$  tiġi maħduma)

$D_{n+2}$ : l-allokkazzjoni għar-riċerka għas-sena  $n + 2$

## 3. L-ALGORITHMS UŻAT

L-*algorithms* użat biex jistabbilixxi id-daqs tad-dispożizzjonijiet tal-kontinġenza u l-allokkazzjoni għar-riċerka għas-sena  $n + 2$ , li se jidher fil-karta tal-bilanċ għas-sena  $n$ , huma kif ġejjin:

## 3.1. iddaqs dispożizzjonijiet kontinġenza

$$P_n = P_{n-1} + 0,5*(R_n - D_{n+1})$$

3.2. l-allokkazzjonijiet għar-riċerka għas-sena  $n + 2$  (sa l-ammont li jqarrab għall-eqreb jew żajbar sa l-eqreb EURO 100 000. Jekk il-kalkulazzjoni tagħti riżultatat preċiżament fin-nofs, l-allokkazzjoni se tingħata sa l-eqreb EURO 100 000):

$$D_{n+2} = D_{n+1} + 0,5*(R_n - D_{n+1})$$

Meta approprijat, l-ammont meħtieġ għar-*rounding up* (jew l-ammont li jkun fadal mir-*rounding down*) għandu jkun meħud mid- (jew ritornat lid-) dispożizzjonijiet tal-kontinġenza.